QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 15 ta' Frar 2002

Numru 30

Citaz. Nru. 470/95 FDP

Godfrey, Ronald u Raymond ahwa Zampa f'isimhom propju kif ukoll esercenti n-negozju "R. Zampa Fashionwear" kif ukoll Teresa Zampa, Rose Zampa u Sylvia Zampa, ilkoll mizzewgin Zampa, ghal kull interess li jista' jkollhom

Vs

David Jones u Alfred Pollacco bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` "Valletta Freight Services Limited" u dan sew bhala agenti Malta tas-socjeta` trasportatrici tedeska "G. C. Kayser Gmbh" kif ukoll bhala trasportaturi tal-merkanzija mertu tal-kawza, u;
Godwin Abela u Laurence Lautier bhala rapprezentanti tal-kumpanija "The Cargo Handling Co. Ltd"

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li gie pprezentat fl-4 ta' April 1995 fejn gie premess:-

Illi l-atturi *proprio et nomine et* kienu nkarigaw lill-konvenuti *nomine et nomine* sabiex jittrasportaw merkanzija ordnata mill—atturi *proprio et nomine et* konsistenti fil-konsenja ta' erbatax-il kaxxa ta' hwejjeg tan-nisa (Ladies Outwear) mir-Renju Unit ghal hawn Malta;

U illi l-konsenja waslet Malta abbord il-vapur M.V. Pinto fil-21 ta' Ottubru, 1994;

U illi l-atturi *proprio et nomine* rcevew konsenja ta' tlettax-il kaxxa hwejjeg tan-nisa u ghalhekk irrizultat kaxxa wahda nieqsa li l-valur tal-materjal li kien hemm fiha huwa ta' mitejn u hamsa u tmenin lira u disghin centezmu (Lm285.90);

U illi l-konvenuti *nomine et nomine*, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghat-telf ossia nuqqas ta' kaxxa wahda (1) mill-konsenja ta' erbatax-il kaxxa u dan minhabba negligenza u traskuragni fil-qadi ta' dmirijiethom;

Talab ghalhekk l-atturi *proprio et nomine et* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti *nomine et nomine* jew min minnhom huma unikament responsabbli ghat-telf ossia nuqqas ta' kaxxa wahda (1) minn konsenja ta' erbatax-il kaxxa hwejjeg tan-nisa (Ladies Outwear) li waslu Malta abbord il-vapur M.V. Pinto fil-21 ta' Ottubru 1994 u dan minhabba negligenza u traskuragni fil-qadi ta' dmirijiethom;

2. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine et nomine* ihallsu lill-atturi *proprio et nomine et* is-somma ta' mitejn u hamsa u tmenin lira Maltin u disghin centezmu (Lm285.90) rapprezentanti l-valur ta' kaxxa wahda hwejjeg tan-nisa (Ladies Outwear) li rrizultat nieqsa kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti *nomine et nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Ronald Zampa u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-19 ta' Mejju 1995 tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-azzjoni hija preskritta skond il-ligi u cioe` ai termini (a) ta' l-artiklu 45 tal-Ports Ordinance ta' l-1966;

2. Illi fit-tieni lok, it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Godwin Abela *et nomine*

huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ebda konsenja ta' 14-il kaxxa ta' hwejjeg tan-nisa destinati lis-socjeta` "R. Zampa Fashionwear" ma' waslu Malta mal-vapur M. V. Pinto tat-22 ta' Ottubru 1994 u ghalhekk l-azzjoni attrici hija nulla;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Godwin Abela *et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-22 ta' Mejju 1995 tal-konvenuti David Jones u Alfred Pollacco *nomine* fejn gie eccepit:

1. Illi fl-ewwel lok il-konvenut Alfred Pollacco m'ghadux direttur u m'ghandux ir-rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk in-notifika tac-citazzjoni hija nulla u bla effett;

2. Subordinatament u fil-mertu, il-merkazija *de quo* ma gietx trasportata lejn Malta mis-socjeta` trasportatrici tedeska "G.C. Kayser Gmbh" izda mis-socjeta` "Intermodal Shipping Limited" ta' l-Ingilterra u ghalhekk is-socjeta` konvenuta giet citata hazin u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' David Jones, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ezaminat ir-relazzjoni ta' l-espert legali Dr. Yana Micallef Stafrace;

Ikkonsidrat:-

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti David Jones u Alfred Pollacco *nomine*:

Illi gie eccepit fl-ewwel lok illi Alfred Pollacco m'ghadux direttur tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited u li ghalhekk in-notifika tac-citazzjoni hija nulla. Mid-dokumenti prodotti jirrizulta li Pollacco gie appuntat direttur b'effett mis-16 ta' Mejju 1980 u li huwa rrizenja fil-21 ta' April 1995. Ghalhekk ic-citazzjoni li giet intavolata fl-4 ta' April 1995 kontra Jones u Pollacco bhala diretturi tas-socjeta` saret korrettement. Dwar in-notifika tac-citazzjoni, jidher mir-riferta li fil-15 ta' Mejju 1995 saret in-notifika bil-posta lil "David Jones *et noe*, Valletta Freight Services Ltd, 66/1 St. Paul's Street Valletta" ghalhekk ghalkemm sad-data tan-notifika Pollacco kien lahaq irrizenja dan ma jfissirx li n-notifika tac-citazzjoni hija nulla;

Illi fit-tieni eccezzjoni taghhom il-konvenuti *nomine* eccipew illi l-merkanzija giet trasportata minn G.C. Kayser Gmbh u mhux Intermodal Shipping Limited kif citat. L-espert legali spjegat illi mid-dokumentazzjoni esebita mill-atturi stess, u senjatament il-polza ta' karigu (fol 22) li hija l-bazi dokumentarja li fuqha jridu jagixxu l-atturi, jirrizulta li l-polza hija mahruga minn Intermodal Shipping Limited bhala l-carrier, li taghhom il-Valletta Freight Services Limited kienet l-agent. Kif osservat l-espert legali, id-ditta G.C. Kayser ma tidher imkien fil-polza u ghalhekk isegwi li c-citazzjoni kif maghmula hija nulla u bla effett. Di piu`, il-fatt li l-Valletta Freight Services Limited tharrku bhala "trasportaturi" tal-merkanzija hija ukoll zbaljata u dan peress li huma kienu l-agenti tat-trasportaturi u mhux it-trasportaturi nnifishom. Jidher ghalhekk li t-tieni eccezzjoni hija fondata u l-Qorti taqbel u taghmel taghha l-konkluzjoni ta' l-espert legali li l-azzjoni kif maghmul hija nulla u bla effett.

<u>Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited</u>:

Is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited eccepit preliminarjament li l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' artiklu 45 (a) tal-Ports Ordinance ta' l-1966 li jistipola illi: "*Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra ebda azzjoni ma tista' tittiehed kontra s-superintendent tal-Portijiet jew kuntrattur*

*dwar ir-responsabbilitajiet tieghu bhala li jgorr jew jahzen oggetti skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, kemm-il darba (a) talba bil-miktub, li taghti dawk il-partikolaritajiet li jistghu jkunu ragonevolment mehtiega, ma tinghatax lis-Superintendent tal-Portijiet jew lill-kuntrattur, skond il-kaz, gheluq is-sitt xhur mid-data li fiha dawk l-oggetti jkunu accettati mis-Superintendent jew mill-kuntrattur skond il-kaz."*

Illi l-espert legali kkonkludiet li peress li ma jirrizultax li saret din it-talba bil-miktub lill-kuntrattur, li huwa s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited, l-azzjoni hija preskritta. Il-Qorti fil-fatt tosserva li mid-dokumenti u korrispondenza esebiti ma tidher ebda talba indirizzata lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Compnay Limited dwar il-merkanzija in kwistjoni. Emanuel Dimech, ufficjal inkarigat mill-claims gudizzjarji mas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited fil-fatt fl-affidavit tieghu (fol 43) xehed li meta fittex fil-files taghhom ma rrizultalux li d-ditta "R. Zampa Fashionwear" qatt baghtet xi claim dwar l-allegat nuqqas.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti David Jones u Alfred Pollacco *nomine*, tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta The Cargo

Handling Company Limited, u tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-atturi *proprio et nomine et*.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur